MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 567/2005

**Liquid Studios Limited**

**vs**

**Coralline Stone Malta Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta’ Frar 2005 fejn gie mitlub li s-socjeta’ konvenuta tigi ikkundannata thallas lis-socjeta’ attrici is-somma bilancjali ta’ seba’ mija disgha u hamsin Liri Maltin erbgha u tletin centezmi (Lm759.34), rapprezentanti servizzi rezi mis-socjeta’ attrici ta’ Web Development u servizzi ancillari u accessorji lis-socjeta’ konvenuta fuq ordni u inkarigu specifiku.

Ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata biex thallas, inkluz permezz ta’ ittra bonarja fis-27 ta’ Frar

2003, hija baqghet inadempjhenti fil-hlas totali ta' l-ammont dovut minnha b'mod illi ghad ghandha thallas is-somma bilancjali imsemmija.

Is-socjeta' attrici ghalhekk titlob li s-socjeta' konvenuta tigi ikkundannata thallasha s-somma ta' seba' mija disgha u hamsin Liri Maltin erbgha u tletin centezmi (Lm759.34), kif ukoll l-ispejjez, inkluz ta' l-ittra bonarja tas-27 ta' Frar 2003, bil-interessi mid-data tal-fattura cioe` l-11 ta' Jannar 2002 sal-gurnata tal-hlas effettiv.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gewipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija disgha u hamsin Liri Maltin erbgha u tletin centezmi (Lm759.34), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------